MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 407/2008

Go plc
vs
Joseph Mohnani (ID 589476 M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab hlas ta' elfejn, mitejn u tmien ewro u hamsa u hamsin centezmi (€2,208.55) gja` Lm948.13 in konnessjoni ma` servizz ta' *'analogue leased line'* bin-numri s/c1597, s/c7439 u s/c3580 (CN1012771-AC10001654) skond diversi dokumenti mehmuza ma` l-avviz u ezebiti in atti.

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa illi qieghed jichad it-talbiet attrici stante li l-konvenut m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta' attrici peress illi huwa qatt ma gie notifikat b'zieda fil-prezzijiet tas-servizz, illi huwa qatt ma accetta zieda fil-prezz tas-servizz u illi z-zieda fil-prezz saret unilateralment mis-socjeta' attrici u hija zieda ezorbitanti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti fl-atti tal-kawza.

Sema` x-xhieda ta' Alison Beach, Ian Agius, Maryrose Grech u Joseph Mohnani.

Sema` t-trattazzjoni tal-partijiet.

IKKUNSIDRA

Illi din il-kawza titratta dwar hlas ta' servizz telefoniku partikolari moghti lill-konvenut mis-socjeta' attrici, liema servizz kien awmenta fil-prezz u li l-konvenut qal illi huwa qatt ma kien gie notifikat biz-zieda fil-prezz tas-servizz u li kienet zieda ezorbitanti.

Illi fost servizzi vari lill-klijenti taghha, s-socjeta' attrici toffri servizz ta' *analogue leased line* illi m'hijiex linja normali izda linja *point to point* li tqabbad l-utenti minn punt centrali ghal diversi punti ohra. Intqal illi dan is-servizz jithallas f'ammont fiss fix-xahar. Hlas oltre ghal kull telefonata ghal '*fixed points* ' ma kienx hemm. It-Tribunal gie nfurmat illi l-Malta Communications Authority kienet awtorizzat it-tariffi l-godda u harget direttiva dwar il-bdil fit-tariffi. L-Awtorita' kienet awtorizzat il-pubblikazzjoni ta' dan il-bdil u s-socjeta' attrici hadet il-mizuri li xxandar it-tariffi godda fuq il-gazzetti lokali u fuq il'website' taghha.

Illi konformi mad-direttiva tal-Malta Communications Authority, s-socjeta' attrici kienet bghatet ittra lill-klijenti kollha fil-bidu ta' Novembru, 2004 sabiex tgharrafhom bit-tariffi l-godda. Illi saru ukoll pubblikazzjonijiet fuq il-gazzetti lokali it-Times u fuq l-Independent fil-bidu ta' Ottubru, 2004 u t-tariffi nbidlu fl-1 ta' Dicembru, 2004. Illi

skond ix-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta' attrici kien hemm xi problemi fis-*software* bir-rizultat illi l-kontijiet fil-2005 ma nhargux skond it-tariffi l-godda izda baqghu johorgu bit-tariffi antiki u l-problema giet risolta mis-socjeta' attrici biss f'Ottubru, 2005 u s-socjeta' attrici solviet din il-problema billi harget 'credit notes' ghal dawk l-ahhar ghaxar xhur lill-klijenti kollha li kienu juzaw din is-sistema tal-*point to point.*

It-Tribunal irrilleva illi l-ittri mibghuta lill-klijenti tas-socjeta' attrici bl-avviz tat-tariffi kienu ntbaghu kollha permezz tal-posta normali fil-*'billing addresses'* li kellhom. In kontro ezami intqal illi ghalkemm il-klijenti tas-socjeta' attrici gew infurmati permezz ta' ittra *'standard'* ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici ma kienetx f'posizzjoni tikkonferma jekk fil-fatt il-konvenut qatt kien ircieva din l-ittra, izda r-reklami fil-gazzetti kienu saru skond id-direttiva tal-Malta Communications Authority, liema direttiva giet ukoll ikkonfermata lit-Tribunal direttament minn rapprezentant tal-Malta Communications Authority u li dawn id-direttivi inhargu skond it-talbiet maghmula mis-*service providers* li fil-kaz partikolari kienet is-socjeta' attrici. Illi l-awtorita' koncernata kienet sodisfatta li l-process ta' notifikazzjoni lill-klijenti kienet saret skond ir-regolamenti fejn huwa mehtieg sittin gurnata ta' notifika qabel ma jidhlu fis-sehh ir-regolamenti l-godda.

Skond ix-xhieda tal-konvenut huwa qal illi kien ilu li applika ghas-sistema tal-*point to point* sa mill-bidu tas-snin disghin u li kellu vari *point to points* mifruxa bejn il-hwienet li kien jiggestixxi bejn il-Hamrun u l-Belt Valletta. Illi fl-2004 kienu ghamel xi tibdil fil-hwienet u ma baqax juza s-servizz *point to point* izda ma hassx il-htiega li jaqta' dan is-servizz fl-2004. Spjega kif huwa qatt ma kien jaf bit-tariffi l-godda u sar jaf bihom biss meta kien irceva l-ewwel kont bir-rati l-godda fil-bidu ta' Jannar, 2006.

Irrizulta illi qabel Jannar, 2006 kien jircievi l-kontijiet regolarment u kien dejjem ihallashom. Ir-rati kienu dawk li dejjem hallas u peress illi huwa qatt ma kien a konoxxjenza li t-tariffi kienu ha joghlew u qatt ma rceva l-ittra imsemmija tat-tariffi l-godda li kienet mibghuta mis-

socjeta’ attrici lill-utenti ta’ dak is-servizz huwa hallas il-kontijiet li kien qed jircevi b’mod regolari u fil-hin. Illi kif intebah b’dawn ir-rati l-godda huwa kien baghat lill-impjegata tieghu sabiex tivverifika l-kont mas-socjeta’ attrici bir-rizultat illi talab li  dan is-servizz jigi maqtugh minnufih partikolarment meta dan is-servizz kien ilu ma juzah sa sentejn qabel u fil-fatt ma kellux bzonnu. Qal ukoll illi ghalkemm kien talab sabiex l-linja tinqata’ huwa kien xorta wahda kompla jircievi  kontijiet ghal dan is-servizz. Illi  skond dokumenti ezebiti in atti,  l-applikazzjoni sabiex jinqata’ dan is-servizz sar fis-16 ta’ Frar, 2006  u huwa minnu illi l-konvenut kompla jircievi kontijiet ghal dan is-servizz. It-Tribunal jirrilleva wkoll illi fl-applikazzjoni ghal-qtugh tas-servizz hemm imnizzel illi l-konvenut kien ilu ma juza dan is-servizz sa mill-2004.

It-Tribunal ghandu quddiemu kaz fejn is-socjeta’  attrici harget tariffi godda lill-klijenti taghha u li dawn ir-rati kellhom ikunu applikabbli mill-bidu tas-sena 2005. Illi l-klijenti kienu gew mgharrfa bil-bdil fit-tariffi regolarment u skond direttivi mahruga mill-Malta Communications Authority. Izda s-socjeta’ attrici zviluppat xi problemi fis-*software* tas-sistema taghha u l-kontijiet inhargu bit-tariffi l-qodma sa mill-bidu tal-2005. Illi fil-kaz in ezami kien biss meta l-klijent tas-socjeta’ attrici kien ircieva l-ewwel kont bir-rati l-godda illi huwa hass il-htiega li jikkontesta l-kont tieghu mas-socjeta’ attrici.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi l-fatt illi huwa ma kienx jaf bit-tibdiliet fit-tariffi ftit li xejn ghandu importanza. Izda t-Tribunal ihoss illi fil-kaz partikolari li ghandu quddiemu kieku l-konvenut kien ircieva l-kont bit-tariffi l-godda sa mill-bidu   huwa kien ikollu cans jaqta’ s-servizz  ma` l-ewwel kont li jkun irceva. Izda minhabba problema ta’ *software* s-socjeta’ attrici ma hargitx il-kontijiet bit-tariffi l-godda ghal sena shiha.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi kieku s-socjeta’ attrici bghatet il-kontijiet bit-tariffi l-godda minn Jannar, 2005 kif kellha taghmel skond il-pubblikazzjoni li ghamlet,  il-konvenut kien ikollu opportunita’ illi jkun mgharraf bit-tariffi l-godda sa mill-bidu u kien ikollu wkoll l-ghazla li  jwaqqaf

is-servizz minnufih. Illi minhabba nuqqas da parti tas-socjeta' attrici, l-konvenut gie negat id-dritt li jaqta' s-servizz minnufih jekk kien hemm bzonn.

Illi t-Tribunal jidhirlu illi kien ikun kaz differenti kieku l-konvenut kien irceva l-kontijiet bit-tariffi l-godda sa mill-bidu ta` l-2005 u ma talabx li dan is-servizz jinqata' u t-Tribunal huwa tal-fehma illi ftit li xejn kien ikun ta' importanza ghal dak il-kaz kieku d-difiza tal-konvenut kienet tkun illi ma kienx jaf bil-bdil. Izda ghall-kaz li jinsab quddiem dan it-Tribunal u huwa konvint illi kieku l-konvenut irceva l-ewwel kont bil-bdil fit-tariffa f'Jannar, 2005 kif kellu jkun huwa kien jitlob sabiex is-servizz jigi maqtugh minnufih. It-Tribunal ma jhossx illi l-utenti ta' dan is-servizz inghata opportunita' xierqa illi jikkontesta jew jwaqqaf dan is-servizz hekk kif kien qieghed jasal il-kont xahar b'xahar. Izda bhal sajjetta, l-konvenut irceva kontijiet ta' sena b'lura meta huwa kien taht l-impressjoni li huwa kien diga` hallas u salda d-debitu li kellu mas-socjeta' attrici.

Illi t-Tribunal jemmen lill-konvenut meta jghid illi sar jaf bil-bdil fit-tariffi meta rcieva l-ewwel kont f'Jannar, 2006 bl-arrettrati ta' sena izda jifhem ukoll illi dan l-izball minn naha tas-socjeta' attrici naqqas lilu l-opportunita' illi jkun jista' jaqta' s-servizz minnufih.

Illi l-fatt illi s-socjeta'attrici damet sa sena sabiex tirrimedja zball taghha m'ghandux jimmitiga kontra l-konvenut. Huwa fatt illi l-klijent seta' biss jikkontesta jew jaghzel li jaqta' s-servizz ma` l-ewwel kont li rceva. Illi kaz kien ikun differenti kieku irceva l-ewwel kont f'Jannnar, 2005 bir-rata oghlja. Illi ghalkemm il-konvenut ippretenda li ma kienx infurmat bit-tibdil fir-rati m'huwiex ta' importanza ghat-Tribunal sa certu punt. Illi huwa minnu illi s-socjeta' attrici kellha d-dritt li tirrevedi t-tariffi kif fil-fatt ghamlet u hadet ukoll il-mizuri kollha skond id-direttiva moghtija lilha mill-Malta Communicatiuons Authority, izda huwa minnu ukoll illi s-socjeta' attrici ppersistiet bl-izball taghha ghal sena shiha. Ghalhekk, b'sens ta' gustizzja u ekwita' u konvinzjoni morali, t-Tribunal ihoss illi l-fatt illi nhargu kontijiet ghal kwazi sena shiha segwitu bir-rati l-godda,

tellef lill-konvenut l-opportunita' li jirrimedja s-sitwazzjoni tieghu sa mill-bidu li kien jintebah bir-rati l-godda, kif fil-fatt ghamel appena rcieva il-kont f'Jannar, 2006 bl-arrettrati ta' sena meta huwa kien konvint illi l-kontijiet kienu mhallsa minnu.

Illi ghalkemm is-socjeta' attrici gharrfet lill-pubbliku bil-bdil fir-rati l-godda b'mod sodisfacenti, t-Tribunal xorta wahdu ghandu jevalwa u jqis il-provi kollha migjuba quddiemu. It-Tribunal jifhem illi kull kaz ghandu cirkostanzi partikolari u huwa differenti minn iehor u li dan it-Tribunal ghandu poteri moghtija lilu bil-ligi illi jiddeciedi kazijiet ukoll skond l-ekwita'.

It-Tribunal jidhirllu illi peress illi jemmen lill-konvenut meta qal illi ma kienx jaf bir-rati l-godda huwa xorta wahda kellu jkun responsabbli ghal hlas ta' l-ewwel kont ghaliex il-fatt illi ma kienx jaf illi r-rati kienu oghlew, m'huwiex fattur importanti jekk kieku l-kontijiet kienu nhargu bit-tariffi sa mill-bidu ta` l-2005. Ma` l-ewwel kont huwa kellu l-obbligu li jhallsu u wara jaghzel li jaqta' dan is-servizz. Illi ghal sena shiha s-socjeta' attrici bghatet kontijiet regolarment lill-konvenut li huwa hallas izda rrizulta lis-socjeta' attrici sa mill-bidu ta'Frar, 2005 illi l-kontijiet mibghuta kienu hziena izda rrimedjaw is-sitwazzjoni billi hargu '*credit notes'* lil kulhadd sena wara. Ma jirrizultax illi hadu passi appena saru jafu bl-izball fi Frar, 2005 fejn setghu facilment iwissu lill-klijenti bl-izball taghhom fil-kontijiet sussegwenti. Fil-kaz in ezami l-izball kien sar minn naha tas-socjeta'attrici billi konsistentement ghal kwazi sena shiha bghatu kontijiet hziena u dan ghalkemm huma kienu saru jafu bl-izball minn Frar, 2005.

Ghalhekk, fil-fehma tat-Tribunal ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija u b'sena ta' gustizzja u ekwita' ma jhossx illi l-klijent tas-socjeta' attrici ghandu jbati ghan-nuqqasijiet fis-*software* taghha li ppersistew ghal kwazi sena shiha u dan meta s-socjeta' attrici kienet taf bil-problema minn Frar, 2005.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici in parte limitatament ghal kont wiehed bir-rati

l-godda u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici fis-somma ta’ mija, wiehed u sittin ewro u tlieta u sebghin centezmi (€161.73), bl-imghax mid-data tas-sentenza sa l-pagament effettiv.

Spejjez a karigu tlett kwarti ghas-socjeta’ attrici, kwart a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------